

Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu


NITGĦALLMU TUL ĦAJJITNA

DAK LI JEŻISTI LLUM

Illum, **11% biss taċ-ċittadini tal-età tax-xogħol tal-UE jipparteċipaw f'taġħlim tul il-ħajja.**



Il-parteciċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja għal kull Stat Membru
bħala %



Sors: Eurostat, 2016

Skont l-istħarriġ tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-OECD, l-istudenti ta' 15-il sena li ma kinux attendew edukazzjoni ta' qabel il-primarja għandhom **riskju ta' tliet darbiet aktar** li jkollhom prestazzjoni baxxa minn dawk li attendew għall-edukazzjoni u għall-kura bikrija tat-tfal għal aktar minn sena.

► L-Istati Membri ilhom jikooperaw flimkien mill-2000 biex itejbu u jimmodernizzaw is-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom:

- Il-**Qafas għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ** jistabbilixxi objettivi strateġiċi komuni minn edukazzjoni bikrija tat-tfal għal edukazzjoni skolastika u vokazzjonali u edukazzjoni għolja u taħriġ għall-adulti.
- L-Istati Membri stabbilew **parametri referenzjarji** komuni biex ikejlu l-prestazzjoni tagħhom u jenfasizzaw il-kisbiet tagħhom. Il-parametru referenzjarju tal-UE huwa li jimpenja 15% tal-popolazzjoni f'attivitajiet ta' taġħlim tul il-ħajja.
- Il-Kummissjoni appoġġat dan il-proċess billi pprovdiet evidenza u gwida politika; hija għenet tiżviluppa strument li għandu l-potenzjal li jsir **il-bażi tad-dejta tal-UE dwar "x'jaħdem" fl-edukazzjoni u fit-taħriġ.**



KISBIET EWLENIN SA ISSA

- ▶ **Il-kooperazzjoni politika Ewropea fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja wasslet għal titjib effettiv fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tal-Istati Membri.** Bosta Stati Membri ġew imħeġġa jfasslu u jittestjaw riformi nazzjonali ta' sistemi edukattivi mill-edukazzjoni u l-kura tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja jew l-aċċess għal taħriġ għall-adulti.



L-UE għamlet progress tajjeb dwar **it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola**: minn 14 % fl-2010 għal 11 % fl-2016 (mira tal-UE: taħt l-10%).



L-UE għamlet progress rigward il-**kisba tal-edukazzjoni terzjarja**: minn 34 % fl-2010 għal 39 % fl-2016 (mira tal-UE: 40%).

X'JISTA' JSIR FIS-SENTEJN LI JMISS?

- ▶ **F'Mejju tal-2018, l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar qafas referenzjarju Ewropew għal kwalità fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.**
- ▶ **L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Perkors tat-Titjib tal-Ħiliet ta' Diċembru 2016** biex jiżguraw li l-adulti jkollhom ħiliet bażiċi.
- ▶ Jiġi inkoraġġit **involvement aktar mill-qrib tal-istituzzjonijiet edukattivi tal-Istati Membri f'reġjuni** li qed jiddefinixxu strateġiji speċjalizzati biex jindirizzaw it-tkabbir u l-isfidi tal-impjegi, speċjalment biex jiżguraw li l-ħiliet meħtieġa jkunu disponibbli fit-territorji kkonċernati. Il-Kummissjoni se tippovdi appoġġ lill-Istati Membri billi tidentifika mudelli ta' prattika tajba u billi ssaħħaħ il-gwida, l-assistenza teknika u t-tagħlim bejn il-pari (permezz ta' Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti jew Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali).

INIZJATTIVI POSSIBBLI B'PERSPETTIVA GĦALL-2025

- ▶ **Jitnieda mill-ġdid u jiġi aġġornat il-qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ** billi t-tagħlim tul il-ħajja jiġi rinforzat mill-ġdid.
- ▶ **Il-parametru referenzjarju tal-UE għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja jiżdied għal 25 %.**
- ▶ Jiġi stabbilit **parametru referenzjarju aktar ambizzjuż għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal**, fejn jipparteċipaw 95% tat-tfal.
- ▶ **Jitnaqqas** il-parametru referenzjarju tal-UE għal **dawk li jilħqu livell edukattiv baxx** (minn 15% għal 10%) u s-sehem ta' **persuni li jtilqu kmieni mill-iskola** (minn 10% għal 5%).



L-ambizzjoni politika jenħtieġ li tiġi allinjata mal-mezzi ta' azzjoni u tiġi riflessa fid-diskussjonijiet futuri dwar il-finanzi tal-UE.